Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 412/2008**

tat-8 ta' Mejju 2008

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni taċ-ċanga ffriżata għall-ipproċessar

(ĠU L 125, 9.5.2008, p. 7)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 599/2008 ta' l-24 ta' Ġunju 2008	L 164	16	25.6.2008
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 882/2009 tal-21 ta' Settembru 2009	L 254	7	26.9.2009
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2012 tat-12 ta' Novembru 2012	L 313	16	13.11.2012

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 412/2008

tat-8 ta' Mejju 2008

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għall-importazzjoni taċ-ċanga ffriżata għall-ipproċessar

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni [komuni] tas suq taċ-ċanga u l-vitella ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-iskeda CXL tal-WTO tirrekjedi li l-Komunità tiftaħ kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni ta' 50 700 tunnellata ċanga ffriżata għall-ipproċessar. Barraminhekk, bħala riżultat tan-negozjati li wasslu għall-Ftehim taħt forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 li għandu x'jaqsam ma' l-emendi fil-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea ([2]), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/106/KE ([3]), il-Kummissjoni impenjat ruħha li tinkorpora fl-iskeda tagħha għall-Istati Membri kollha żieda ta' 4 003 tunnellata ta' dik il-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni mill-1 ta' Lulju 2006.

(2) Kull sena għandhom jiġu stipulati regoli ta' implimentazzjoni għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' dawn il-kwoti tariffarji għall-importazzjoni għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

(3) L-importazzjoni taċ-ċanga ffriżata taħt il-kwota tariffarja hija suġġetta għal dazji ta' importazzjoni doganali u għall-kundizzjonijiet stipulati taħt in-numru ta' l-ordni 12 ta' l-Anness 7 tal-Parti Tlieta ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura statistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([4]).

(4) L-importazzjonijiet fil-Komunità taħt il-kwota tariffarja huma suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' l-importazzjoni fi qbil ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([5]), u

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 98/2008 (ĠU L 29, 2.2.2008, p. 5). Ir-Regolament (KE) Nru 1254/1999 se jitbiddel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2008.
([2]) ĠU L 47, 17.2.2006, p. 54.
([3]) ĠU L 47, 17.2.2006, p. 52.
([4]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1352/2007 (ĠU L 303, 21.11.2007, p. 3).
([5]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1423/2007 (ĠU L 317, 5.12.2007, p. 36).

▼B

tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2008 tal-21 ta' April 2008 dwar regoli għall-applikazzjoni ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella ([1]), għandhom japplikaw għal-liċenzji ta' importazzjoni maħruġa taħt dan ir-Regolament, mingħajr ħsara għall-kundizzjonijiet addizzjonali stipulati f'dan ir-Regolament.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistipula regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni ([2]) [titlu mhux uffiċjali], jistipula b'mod partikolari dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-applikazzjoni ta' drittijiet ta' l-importazzjoni, l-istatus ta' l-applikanti u l-ħruġ tal-liċenzji ta' l-importazzjoni. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 għandhom japplikaw fuq liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa skond dan ir-Regolament, mingħajr ħsara għall-kundizzjonijiet addizzjonali stipulati f'dan ir-Regolament.

(6) Huwa xieraq li din il-kwota tkun amministrata billi d-drittijiet ta' l-importazzjoni jkunu attribwiti bħala l-ewwel pass u l-ħruġ ta' liċenzji bħala t-tieni pass, kif previst fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006. B'dan il-mod, l-operaturi li kisbu d-drittijiet ta' l-importazzjoni għandhom ikunu kapaċi jiddeċiedu matul il-perjodu tal-kwota, il-waqt meta jixtiequ japplikaw għal liċenzji ta' importazzjoni, fid-dawl tal-flussi reali tagħhom tal-kummerċ. Għandu jkun possibbli li jinħarġu liċenzji wara li jsiru l-allokazzjonijiet tad-drittijiet ta' l-importazzjoni abbażi ta' l-applikazzjonijiet minn proċessuri eliġibbli. F'kull każ, ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 jillimita l-perjodu tal-validità tal-liċenzji sa l-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni.

(7) Sabiex tkun evitata l-ispekulazzjoni, aċċess għall-kwota għandu jitħalla biss għall-proċessuri attivi li jwettqu l-ipproċessar fi stabbiliment ta' l-ipproċessar approvat skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([3]).

(8) Sabiex tiġi evitata l-ispekulazzjoni, għandhom jinħarġu liċenzji ta' importazzjoni lil proċessuri għal dawk il-kwantitajiet biss li għalihom il-proċessuri ġew allokati drittijiet ta' importazzjoni. Barra minn hekk, għall-istess raġuni, għandha tiġi ddepożitata garanzija flimkien ma' l-applikazzjoni għad-drittijiet ta' importazzjoni. L-applikazzjoni għal-liċenzji ta' l-importazzjoni li jikkorrispondu mad-drittijiet allokati għandha tkun rekwiżit primarju fi ħdan it-tifsira tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 tat-22 ta' Lulju 1985 li jistipula regoli komuni dettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema tal-garanziji għall-prodotti agrikoli ([4]).

(9) L-applikazzjoni għal kwota tariffarja teħtieġ sorveljanza stretta ta' l-importazzjonijiet u verifiki effettivi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-użu u d-destinazzjoni tagħhom. L-ipproċessar għandu għalhekk jiġi biss awtorizzat fl-istabbiliment imsemmi fil-liċenzja ta' l-importazzjoni.

([1]) OJ L 115, 29.4.2008, p. 10.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 289/2007 (ĠU L 78, 17.3.2007, p. 17)
([3]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1243/2007 (ĠU L 281, 25.10.2007, p. 8).
([4]) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

▼B

(10) Għandha tiġi ppreżentata garanzija sabiex jiġi żgurat li l-laħam impurtat jintuża skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwota tariffarja. L-ammont ta' dik il-garanzija għandu jiġi ffissat billi titqies id-differenza bejn id-dazji doganali applikabbli fi ħdan il-kwota u barra l-kwota.

(11) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċanga u tal-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

▼M3

Artikolu 1

1. Kwota tariffarja ta' importazzjoni ta' 63 703 tunnellata f'ekwivalenti ta' laħam bl-għadam ta' ċanga ffriżata li taqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0202 20 30, 0202 30 10, 0202 30 50, 0202 30 90 jew 0206 29 91 u maħsuba għall-ipproċessar fl-Unjoni (minn hawn il-quddiem imsejħa "il-kwota") hija b'dan miftuħa għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena segwenti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "perjodi tal-kwota tariffarja ta' importazzjoni") suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

2. Il-perjodu tal-kwota tariffarja ta' importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jinqasam f'erba' subperjodi kif ġej:

(a) mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru;

(b) mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru;

(c) mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu;

(d) mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju.

▼B

Artikolu 2

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, prodott-A għandu jfisser prodott ipproċessat li jaqa' fi ħdan il-kodiċijiet NM 1602 10, 1602 50 31 jew 1602 50 95, li ma jkunx fih laħam minbarra dak ta' annimali ta' l-ispeċijiet bovini, bi proporzjon ta' kollaġen/proteina ta' mhux aktar minn 0.45, u li bil-piż ikun fih talanqas 20 % ta' laħam dgħif eskluży l-ġewwieni u x-xaħam, u li l-piż nett tiegħu għandu jkun magħmul minn talanqas 85 % laħam u ġelatina.

Il-kontenut tal-kollaġen għandu jitqies bħala l-ammont ta' idrossiprolina (hydroxyproline) immultiplikat bil-fattur 8. L-ammont ta' idrossiprolina għandu jiġi determinat skond il-metodu ISO 3496-1994.

L-ammont ta' laħam dgħif ta' l-annimali bovini minbarra x-xaħam għandu jiġi determinat skond il-proċedura stipulata fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2429/86 ([1]).

Il-ġewwieni jinkludi dan li ġej: ir-ras u biċċiet minnha (inkluży l-widnejn), is-saqajn, id-denb, il-qalb, il-bżieżel, il-fwied, il-kliewi, l-animelli (it-timu [thymus glands]), il-frixa, il-moħħ, il-pulmun, il-gerżuma, il-falda, il-milza, l-ilsien, il-mindil, is-sinsla, il-ġilda li tista' tittiekel, l-organi riproduttivi (jiġifieri, l-utru, l-ovarji u t-testikoli), it-tirojde, il-glandola pitwitarja.

Il-prodott għandu jkun suġġett għal trattament ta' sħana li jkun biżżejjed biex jiżgura koagulazzjoni tal-proteini tal-laħam fil-prodott kollu kemm hu li jista' ma juri l-ebda traċċa ta' likwidu fir-roża fuq wiċċ il-qatgħat meta l-prodott jinqata' f'linja li tgħaddi mill-eħxen parti tiegħu.

([1]) ĠU L 210, 1.8.1986, p. 39.

▼B

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, prodott-B għandu jfisser prodott ipproċessat li fih iċ-ċanga, għajr:

(a) il-prodotti speċifikati fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1254/1999; jew

(b) il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Madankollu, għandu jitiqes bħala prodott-B, prodott ipproċessat li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0210 20 90 li tnixxef jew ġie ffumikat sabiex il-kulur u l-konsistenza tal-laħam frisk ikunu għebu għal kollox u jkollu proporzjon ta' ilma/proteina li ma jaqbiżx 3:2.

Artikolu 3

▼M2

1. Il-kwantità globali msemmija fl-Artikolu 1 għandha tinqasam f'żewġ kwantitajiet:

(a) 50 000 tunnellata ta' ċanga ffriżata maħsuba għall-manifattura tal-prodotti A;

(b) 13 703 tunnellata ta' ċanga ffriżata maħsuba għall-manifattura tal-prodotti A.

▼B

2. Il-kwota għandu jkollha dawn in-numri ta' l-ordni:

(a) 09.4057 għall-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(a);

(b) 09.4058 għall-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafu 1(b).

3. Id-dazji doganali fuq l-importazzjoni li għandhom japplikaw għaċ-ċanga ffriżata huma stipulati fl-Anness I.

Artikolu 4

1. Il-kwota għandha tkun amministrata billi d-drittijiet ta' l-importazzjoni jiġu attribwiti bħala l-ewwel pass u l-ħruġ ta' liċenzji ta' l-importazzjoni bħala t-tieni pass.

2. Għandhom japplikaw ir-Regolamenti (KE) Nru 1291/2000, (KE) Nru 1301/2006 u (KE) Nru 382/2008, għajr meta pprovdut xorta oħra f'dan ir-Regolament.

Artikolu 5

1. B'deroga mill-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, minflok jipprovdu evidenza tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi, l-applikanti għad-drittijiet ta' l-importazzjoni għandhom jagħtu xhieda li huma stabbilimenti ta' l-ipproċessar approvati skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u għandhom juru li kienu attivi fil-produzzjoni ta' prodotti pproċessati li fihom iċ-ċanga matul kull wieħed miż-żewġ perjodi ta' referenza msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

Applikazzjoni għad-drittijiet ta' l-importazzjoni ma tistax taqbeż l-10 % ta' kull kwantità msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament.

2. L-evidenza tal-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 għandha titressaq flimkien ma' l-applikazzjoni għad-drittijiet ta' l-importazzjoni.

B'deroga mit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tiddeċiedi liema dokumenti għandhom jiġu pprovduti bħala evidenza tal-konformità ma' dawk il-kundizzjonijiet.

▼B

Artikolu 6

1. Kull applikazzjoni għad-drittijiet ta' l-importazzjoni ta' prodotti-A jew prodotti-B se tiġi espressa f'ekwivalenti ta' laħam bl-għadam.

Għall-iskop ta' dan il-paragrafu, 100 kilogramma ta' ċanga bl-għadam huwa ekwivalenti għal 77 kilogramma ta' ċanga bla għadam.

▼M3

2. L-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni għall-produzzjoni jew ta' prodotti-A inkella ta' prodott-B għandhom jiġu ppreżentati fl-ewwel sebat ijiem tax-xahar qabel kull subperjodu, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), u f'kwalunkwe każ mhux iktar tard mis-13:00, ħin ta' Brussell, fis-seba' jum rilevanti.

▼B

3. Garanzija ta' EUR 6 għal 100 kg għandha titressaq flimkien ma' l-applikazzjoni għad-drittijiet ta' l-importazzjoni.

▼M3

4. Mhux iktar tard mis-13:00, ħin ta 'Brussell, fl-14-il jum tax-xahar li fih l-applikazzjonijiet jiġu sottomessi skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet totali li saret applikazzjoni għalihom għal kull waħda miż-żewġ kategoriji ta' prodotti, espressi f'ekwivalenti ta' laħam bl-għadam espressi f'kilogrammi, fir-rigward tas-subperjodu kkonċernat.

Artikolu 7

1. Id-drittijiet tal-importazzjoni għandhom jingħataw mit-23 jum tax-xahar li fih l-applikazzjonijiet jiġu sottomessi skont l-Artikolu 6(1) u mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' dak ix-xahar. Id-drittijiet tal-importazzjoni għandhom ikunu validi mill-ewwel jum tas-subperjodu li fih tkun ġiet sottomessal-applikazzjoni, u sat-30 ta' Ġunju tal-perjodu tal-kwota tariffarja ta' importazzjoni kkonċernata.

2. Jekk l-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-allokazzjoni msemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 tirriżulta f'inqas drittijiet tal-importazzjoni għall-allokazzjoni milli tressqu applikazzjonijiet għalihom, il-garanzija ppreżentata skont l-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament, għandha tkun rilaxxata proporzjonalment mingħajr dewmien.

3. Il-Kummissjoni għandha tissospendi s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal drittijiet tal-importazzjoni sa tmiem il-perjodu tal-kwota tariffarja ta' importazzjoni għan-numri tal-ordni li għalihom ikunu spiċċaw il-kwantitajiet disponibbli.

▼B

Artikolu 8

1. Ir-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-kwantitajiet mogħtija skond il-kwota huwa suġġett għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' l-importazzjoni.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzja ta' l-importazzjoni għandhom ikopru l-kwantità totali allokata. Dan l-obbligu għandu jikkostitwixxi rekwiżit primarju skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

Artikolu 9

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzja jistgħu jiġu ddepożitati biss ma' l-Istat Membru fejn l-applikant applika u kiseb drittijiet ta' l-importazzjoni li jaqgħu taħt il-kwota.

▼B

Kull ħruġ ta' liċenzja ta' l-importazzjoni għandu jirriżulta fi tnaqqis korrispondenti fid-drittijiet ta' l-importazzjoni miksuba u l-garanzija ddepożitata skond l-Artikolu 6(3) għandha tiġi rrilaxxata proporzjonalment mingħajr dewmien.

2. Liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom jinħarġu f'isem l-operatur li jkun kiseb id-drittijiet ta' l-importazzjoni.

3. L-applikazzjoni għal-liċenzja u l-liċenzja għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja:

(a) f'kaxxa 8, il-pajjiż ta' l-oriġini;

(b) f'kaxxa 16, wieħed mill-kodiċijiet NM eliġibbli msemmija fl-Artikolu 1;

(ċ) f'kaxxa 20, in-numru ta' l-ordni tal-kwota, ta' l-inqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Anness II u l-isem u l-indirizz ta' l-istabbiliment ta' l-ipproċessar.

4. Il-liċenzji għall-importazzjoni għandhom ikunu validi għal 120 jum mid-data tal-ħruġ attwali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom iwaqqfu sistema ta' verifiki fiżiċi u dokumentati sabiex jiżguraw li, fi żmien tliet xhur mid-data ta' l-importazzjoni, il-laħam kollu jiġi pproċessat fl-istabbiliment ta' l-ipproċessar u fil-kategorija tal-prodott speċifikat fuq il-liċenzja għall-importazzjoni kkonċernata.

Is-sistema għandha tinkludi verifiki fiżiċi tal-kwantità u l-kwalità fil-bidu ta' l-ipproċessar, waqt l-ipproċessar u wara li l-ipproċessar ikun tlesta. Għal dan il-għan, il-proċessuri għandhom ikunu jistgħu juru l-identità u l-użu tal-laħam impurtat permezz ta' reġistri xierqa ta' produzzjoni f'kull ħin.

Il-verifika teknika tal-metodu ta' produzzjoni mill-awtorità kompetenti tista', safejn hu meħtieġ, tagħmel konċessjonijiet għat-telf mit-taqtir u l-qtugħ.

Sabiex tiġi vverifikata l-kwalità tal-prodott aħħari u tiġi stabbilita l-konformità tiegħu mal-formula tal-proċessur għall-kompożizzjoni tal-prodott, l-Istati Membri għandhom jieħdu kampjuni rappreżentattivi u janalizzaw dawn il-prodotti. L-ispejjeż għal dan għandhom jitħallsu mill-proċessur ikkonċernat.

Artikolu 11

1. Garanzija trid tiġi ddepożitata ma' l-awtorità kompetenti malli ssir l-importazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-proċessur, li ġewlu allokati d-drittijiet ta' importazzjoni, jipproċessa l-kwantità kollha tal-laħam impurtat fil-prodotti aħħarin fl-istabbiliment tiegħu speċifikat fl-applikazzjoni għal-liċenzja, fi żmien tliet xhur minn jum l-importazzjoni.

L-ammonti tal-garanzija huma stabbiliti fl-Anness III.

2. Il-garanzija msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi rrilaxxata fi proporzjon mal-kwantità li għaliha, fi żmien seba' xhur minn jum l-importazzjoni, tkun ingħatat prova li tissodisfa l-awtorità kompetenti bil-fatt li l-laħam kollu impurtat jew parti minnu ikun ġie pproċessat fil-prodotti rilevanti fi żmien tliet xhur wara jum l-importazzjoni fl-istabbiliment magħżul.

▼B

Madankollu, jekk l-ipproċessar ikun seħħ wara l-limitu ta' tlett xhur imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-garanzija trid tiġi rrilaxxata bi tnaqqis ta' 15 % flimkien ma' 2 % tal-bqija ta' l-ammont għal kull estensjoni b'jum tal-limitu ta' żmien.

Jekk ikun hemm prova ta' l-ipproċessar qabel ma jiskadu s-seba' xhur imsemmija fl-ewwel subparagrafu u din il-prova tiġi pprovduta fi żmien 18-il xahar wara dawk is-seba' xhur, l-ammont ċedut, li minnu jitnaqqas 15 % ta' l-ammont tal-garanzija, għandu jintradd lura.

3. L-ammont mhux rilaxxat tal-garanzija msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi ċedut.

Artikolu 12

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) sa mhux aktar tard mill-għaxar jum ta' kull xahar, il-kwantitajiet ta' prodotti, inklużi prospetti nulli, li għalihom ikunu nħarġu liċenzji ta' l-importazzjoni fix-xahar ta' qabel;

(b) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' wara li jintemm kull perjodu tal-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni, il-kwantitajiet tal-prodotti, inklużi prospetti nulli, koperti b'liċenzji ta' l-importazzjoni li ma ntużawx jew li ntużaw biss parzjalment u li jikkorrispondu għad-differenza bejn il-kwantitajiet imniżżla fuq in-naħa ta' wara tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu.

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' wara li jintemm kull perjodu tal-kwota tariffarja ta' l-importazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet ta' prodotti li effettivament ikunu ġew rilaxxati għall-moviment ħieles matul il-perjodu preċedenti tal-kwota tariffarja.

3. Fin-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-kwantitajiet għandhom ikunu espressi f'kilogrammi tal-piż tal-prodott u għal kull kategorija tal-prodott kif stipulat fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 382/2008.

Artikolu 13

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

DAZJI FUQ L-IMPORTAZZJONI

Il-Prodott (Il-kodiċi NM)	Għall-manifattura ta' prodotti-A	Għall-manifattura ta' prodotti-B
0202 20 30	20 %	20 % + 994,5 EUR/1 000 kg/nett
0202 30 10	20 %	20% + 1 554,3 EUR/1 000 kg/nett
0202 30 50	20 %	20% + 1 554,3 EUR/1 000 kg/nett
0202 30 90	20 %	20% + 2 138,4 EUR/1 000 kg/nett
0206 29 91	20 %	20 % + 2 138,4 EUR/1 000 kg/nett

▼M1

ANNESS II

L-annotazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(3)(c)

— *bil-Bulgaru:* Лицензия, валидна в … (държава-членка издател)/месо, предназначено за преработка в … [продукти А] [продукти Б] (ненужното се зачертава) в … (точно наименование и номер на одобрението на предприятието, където ще се извърши преработката) / Регламент (ЕО) № 412/2008

— *bl-Ispanjol:* Certificado válido en … (Estado miembro expedidor) / carne destinada a la transformación … [productos A] [productos B] (táchese lo que no proceda) en … (designación exacta y número de registro del establecimiento en el que vaya a procederse a la transformación) / Reglamento (CE) nº 412/2008

— *biċ-Ċek:* Licence platná v … (vydávající členský stát) / Maso určené ke zpracování … [výrobky A] [výrobky B] (nehodící se škrtněte) v (přesné určení a číslo schválení zpracovatelského zařízení, v němž se má zpracování uskutečnit)/ nařízení (ES) č. 412/2008

— *bid-Daniż:* Licens gyldig i … (udstedende medlemsstat) / Kød bestemt til forarbejdning til (A-produkter) (B-produkter) (det ikke gældende overstreges) i … (nøjagtig betegnelse for den virksomhed, hvor forarbejdningen sker) / forordning (EF) nr. 412/2008

— *bil-Ġermaniż:* In … (ausstellender Mitgliedstaat) gültige Lizenz / Fleisch für die Verarbeitung zu [A-Erzeugnissen] [B-Erzeugnissen] (Unzutreffendes bitte streichen) in … (genaue Bezeichnung des Betriebs, in dem die Verarbeitung erfolgen soll) / Verordnung (EG) Nr. 412/2008

— *bl-Estonjan:* Litsents on kehtiv … (välja andev liikmesriik) / Liha töötlemiseks … [A toode] [B toode] (kustuta mittevajalik) … (ettevõtte asukoht ja loanumber, kus toimub töötlemine / määrus (EÜ) nr. 412/2008

— *bil-Grieg:* Η άδεια ισχύει … (κράτος μέλος έκδοσης) / Κρέας που προορίζεται για μεταποίηση … [προϊόντα Α] [προϊόντα Β] (διαγράφεται η περιττή ένδειξη) … (ακριβής περιγραφή και αριθμός έγκρισης της εγκατάστασης όπου πρόκειται να πραγματοποιηθεί η μεταποίηση) / Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 412/2008

— *bl-Ingliż:* Licence valid in … (issuing Member State) / Meat intended for processing … [A-products] [B-products] (delete as appropriate) at … (exact designation and approval No of the establishment where the processing is to take place) / Regulation (EC) No 412/2008

— *bil-Franċiż:* Certificat valable … (État membre émetteur) / viande destinée à la transformation de … [produits A] [produits B] (rayer la mention inutile) dans … (désignation exacte et numéro d'agrément de l'établissement dans lequel la transformation doit avoir lieu) / règlement (CE) nº 412/2008

— *bit-Taljan:* Titolo valido in … (Stato membro di rilascio) / Carni destinate alla trasformazione … [prodotti A] [prodotti B] (depennare la voce inutile) presso … (esatta designazione e numero di riconoscimento dello stabilimento nel quale è prevista la trasformazione) / Regolamento (CE) n. 412/2008

▼**M1**

— *bil-Latvjan:* Atļauja derīga … (dalībvalsts, kas izsniedz ievešanas atļauju) / pārstrādei paredzēta gaļa … [A produktu] [B produktu] ražošanai (nevajadzīgo nosvītrot) … (precīzs tā uzņēmuma apzīmējums un apstiprinājuma numurs, kurā notiks pārstrāde) / Regula (EK) Nr. 412/2008

— *bil-Litwan:* Licencija galioja … (išdavusioji valstybė narė) / Mėsa skirta perdirbimui … [produktai A] [produktai B] (ištrinti nereikalingą) … (tikslus įmonės, kurioje bus perdirbama, pavadinimas ir registracijos Nr.) / Reglamentas (EB) Nr. 412/2008

— *bl-Ungerix:* Az engedély … (kibocsátó tagállam) területén érvényes. / Feldolgozásra szánt hús … [A-termék][Btermék] (a nem kívánt törlendő) … (pontos rendeltetési hely és a feldolgozást végző létesítmény engedélyezési száma) 412/2008/EK rendelet

— *bil-Malti:* Liċenzja valida fi … (Stat Membru tal-ħruġ) / Laħam maħsub għall- ipproċessar … [Prodotti-A] [Prodotti-B] (ħassar skond kif ikun xieraq) fi … (dežinjazzjoni eżatta u Nru. ta' l-istabbiliment fejn se jsir l-ipproċessar) / Ir-Regolament (KE) Nru. 412/2008

— *bl-Olandiż:* Certificaat geldig in … (lidstaat van afgifte) / Vlees bestemd voor verwerking tot [A-producten] [B-producten] (doorhalen wat niet van toepassing is) in … (nauwkeurige aanduiding en toelatingsnummer van het bedrijf waar de verwerking zal plaatsvinden) / Verordening (EG) nr. 412/2008

— *bil-Pollakk:* Pozwolenie ważne w … (wystawiające państwo członkowskie) / Mięso przeznaczone do przetworzenia … [produkty A] [produkty B] (niepotrzebne skreślić) w … (dokładne miejsce przeznaczenia i nr zatwierdzenia zakładu, w którym ma mieć miejsce przetwarzanie) / rozporządzenie (WE) nr 412/2008

— *bil-Portugiż:* Certificado válido em … (Estado-Membro emissor) / carne destinada à transformação … [produtos A] [produtos B] (riscar o que não interessa) em … (designação exacta e número de aprovação do estabelecimento em que a transformação será efectuada) / Regulamento (CE) n.º 412/2008

— *bir-Rumen:* Licență valabilă în … (statul membru emitent) / Carne destinată procesării … [produse-A] [produse-B] (se șterge unde este cazul) la … (desemnarea exactă și nr. de aprobare al stabilimentului unde va avea loc procesarea) / Regulamentul (CE) nr. 412/2008

— *bis-Slovakk:* Licencia platná v … (vydávajúci členský štát) / Mäso určené na spracovanie … [výrobky A] [výrobky B] (nehodiace sa prečiarknite) v … (presné určenie a číslo schválenia zariadenia, v ktorom spracovanie prebehne) / nariadenie (ES) č. 412/2008

— *bis-Sloven:* Dovoljenje velja v … (država članica, ki ga je izdala) / Meso namenjeno predelavi … [proizvodi A] [proizvodi B] (črtaj neustrezno) v … (točno namembno območje in št. odobritve obrata, kjer bo predelava potekala) / Uredba (ES) št. 412/2008

— *bil-Finlandiż:* Todistus on voimassa … (myöntäjäjäsenvaltio) / Liha on tarkoitettu [A-luokan tuotteet] [B-luokan tuotteet] (tarpeeton poistettava) jalostukseen … ssa (tarkka ilmoitus laitoksesta, jossa jalostus suoritetaan, hyväksyntänumero mukaan lukien) / Asetus (EY) N:o 412/2008

▼**M1**

— *bl-Iżvediż:*	Licensen är giltig i … (utfärdande medlemsstat) / Kött avsett för bearbetning … A-produkter] [B-produkter] (stryk det som inte gäller) vid … (exakt angivelse av och godkännande-nummer för anläggningen där bearbetningen skall ske) / Förordning (EG) nr 412/2008

▼B

ANNESS III

L-AMMONTI TA' GARANZIJA [1]

(f' EUR/1 000 kg nett)

Il-Prodott (Il-kodiċi NM)	Għall-manifattura ta' prodotti-A	Għall-manifattura ta' prodotti-B
0202 20 30	1 414	420
0202 30 10	2 211	657
0202 30 50	2 211	657
0202 30 90	3 041	903
0206 29 91	3 041	903

[1] Ir-rata tal-kambju li għandha tiġi applikata għandha tkun ir-rata tal-kambju tal-jum ta' qabel il-jum li fih tkun tressqet il-garanzija.